# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' LULJU 2022**

**Kawża Numru: 12**

**Rik. 590/2018 RGM**

**Maleth Aero AOC Limited**
**(C-54721)**

**vs.**

**(1) Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**(2) Sea Air d.o.o. socjeta` registrata gewwa r-Repubblika tal-Kroazja bin-numru MBS: 030153497 ta' 67, Vulkovarska Street 31207 Klisa/Osijek Il-Kroazja u Sea Air Gmbh (Reg – 0916200) ta' Zeppelinstrasse 71-73 Munich, 81649, il-Germanja u b'digriet tal-20 ta' Ġunju 2022 l-Avukat Dr Joseph Brincat u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjetajiet konvenuti Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh.**

**(3) L-Avukat Dottor Antoine Cremona (KI 11980 G) f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-Avukati Ganado Advocates u l-PL Madeline Firman**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Maleth Aero AOC Limited** ippreżentat fis-6 ta' Ġunju, 2018 li permezz tiegħu war li ppremettiet:

1. Illi dan huwa rikors ta' ritassa li qed jigi mressaq ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan sabiex tiġi attakkata taxxa maħruġa wara l-kawża Nru 655/16 LM (it-taxxa attakkata qed tiġi annessa bħala **Dok MA 1**);

SFOND FATTWALI

2. Illi permezz ta' rikors maħluf tal-4 t'Awwissu, 2016, Sea Air d.o.o. (minn issa 'l quddiem **«Sea Air»**) flimkien ma', għal kull interess li jista' jkollha, **Sea Air Gmbh** it-tnejn kumpanija esteri kif lokalment rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħhom l-Avukat Dottor Antoine Cremona, ntavolaw proceduri gudizzjarji fl-ismijiet *Sea Air d.o.o. soċjeta reġistrata ġewwa r-Repubblika tal-Kroazja bin-numru MBS 030153497 ta' 67 Vukovarska Street 31207 Klisa, Osijek, il-Kroazja u għal kull interess li jista' jkollha Sea Air Gmbh (reg 09162000) ta' Zeppelinstrasse 71-73 Munich, 81649, il-Ġermanja kif lokalment rappreżentati mill-mandatarju spejċali tagħhom l-Avukat Dottor Antoine Cremona v Maleth Aero AOC Limited u Michael O'Brien (Rikors Guramentat Nru. 655/16 LM).* F'dawn il-proċeduri, Sea Air u Sea Air Gmbh kienu patroċinati mill-istess Avukat Cremona u minn avukati oħra fi ħdan id-ditta Ganado Advocates liema ditta wkoll għalhekk qed tiġi ċċitata f'dawn il-proċeduri ta' ritassa;

3. Illi l-imsemmija kawża ġiet eventwalment kanċellata mil-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2017.

4. Illi in suċċint, tant biex jinghata sfond tal-fatti li taw lok ghall-kawża, Sea Air kienet qed tallega illi Maleth Aero AOC Limited (**«Maleth»**), bħala operatriċi ta' diversi inġenji tal-ajru li tagħhom Sea Air kienet *charterer*, kisret *Aircraft Charter Agreement* tal-10 ta' Ġunju, 2016. B'mod partikolari, fil-premessi tagħha, Sea Air allegat illi kienu tħassru mhux inqas minn 420 titjira u li dan wassal għal danni sofferti mill-atturi.

5. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, Sea Air talbet lill-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta Maleth kisret l-obbligi kuntrattwalment pattwiti bejn is-soċjetajiet partijiet ta' din il-kawża;

(ii) Tiddikjara illi l-konvenut Michael O'Brien aġixxa dolożament jew b'negliġenza grossolana fil-ġranet li wasslu għall-firma tal-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2016;
(iii)Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta Maleth waħedha jew flimkien mal-konvenut Michael O'Brien individwalment jew solidalment responsabbli għad-danni kkaġunati lis-soċjeta' Sea Air;
(iv)Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi Sea Air konsistenti fi spejjeż reali u telf ta' negozju, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;
(v) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, solidament u/jew mod ieħor, sabiex iħallsu dak l-ammont jekk likwidat lill-atturi bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejje kontra s-soċjeta' konvenuta Maleth illi minn issa qed tiħġi nġunta in subizzjoni;

6. Min-naħa tagħhom, Maleth u Michael O'Brien, minbarra li laqgħu għal dawn it-talbiet b'numru ta' eċċezzjonijiet proċedurali u fil-mertu, ressqu wkoll kontrotalba illi fiha sostnew illi kienet Sea Air illi kisret obbligi kuntrattwali assunti minnha fl-*Aircraft Charter Agreement* fuq riferit, kif ukoll f'*agreements* oħra anċillari u li dan wassal għal danni u spejjeż;

7. Illi fid-dawl ta' dan, Maleth talbet lill-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' Sea Air d.o.o u Sea Air Gmbh jew min minnhom obbligaw ruħhom kuntrattwalment illi jutilizzaw in-numru ta' *block hours* minimi ai termini tal-*Aircraft Charter Agreement* u sussegwentement obbligat rwieħhom li jħallsu lis-soċjeta Maleth Aero AOC Limited il-*Base Rental* għan-numru minimu ta' sigħat u bir-rata miftiehma fl-istess Aircraft Charter Agreement tal-10 ta' Ġunju, 2016;
(ii) Tiddikjara u tiddeċiedi sussegwentement illi s-soċjetajiet Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh jew min minnhom debituri tas-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited;
(iii)Tillikwida dik is-somma dovuta mis-soċjetajiet Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh jew min minnhom lis-soċjeta' Maleth Aero Limited u rappreżentanti l-Base Rental fir-rigward ta' dak in-numru ta' *block hours* li s-soċjeta' Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh jew min minnhom naqset li tutilizza bi ksur tal-obbligi minnha assunti u kalkolati bir-rata pattwita bejn il-partijiet;
(iv)Tikkundanna lis-soċjetajiet Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh jew min minnhom iħallsu s-somma rappreżentanti *Base Rental* likwidata ;
(v) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited inkorriet spejjeż u sofriet danni b'riżultat tal-ksur tal-obbligi kuntrattwalment pattwiti bejn il-partijiet;
(vi)Tiddikjara lis-soċjetajiet Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh jew min minnhom responsabbli għal spejjeż inkorsi u għad-danni kkaġunati lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited;

(vii) Tillikwida l-ispejjeż inkorsi u d-danni sofferti mis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited okkorrendi bil-ħatra ta' periti nominandi;

(viii) Tikkundanna lis-soċjeta' Sea Air d.o.o. u Sea Air Gmbh jew min minnhom sabiex iħallsu dik is-somma hekk likwidata lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited

8. Għal kull bwon fini, ir-rikorrenti qiegħda teżebixxi kopja tar-rikors maħluf ta' Sea Air *et* (**Dok MA 2**) kif ukoll tar-risposta u kontrotalba ta' Maleth u Michael O'Brian (**Dok MA 3**) filwaqt illi tirriserva illi 'l quddiem titlob l-allegazzjoni tal-atti;

9. Kif ġa ntqal, il-kawża fuq imsemmija ġiet kanċellata fis-6 ta' Marzu, 2017. F'dak l-istadju kienu għadhom qed jiġu trattati eċċezzjonijiet preliminari ta' natura prettament proċedurali (inkluż jekk Sea Air kellhiex il-personalita' ġuridika u/jew *locus standi* illi tipproċedi). Ma kienu tressqu ebda provi, dokumentarji jew permezz ta' xhieda, dwar il-mertu tal-każ;

10. Illi jirriżulta illi fit-23 ta' Frar, 2018, ir-Reġistratur ħadem it-taxxa tal-ispejjeż annessa bħala Dok MA 1. Nhar it-**8 ta' Mejju, 2018** Maleth ġiet notifikata b'ittra uffiċjali li biha qed tintalab tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma eżorbitanti ta' **disgħa u għoxrin elf u sitt mija u disgħa u sittin Euro (€ 29,669)** allegatament dovuta bħala drittijiet tar-Reġistratur in konnessjoni mal-kawża. Maleth qiegħda għalhekk tqis din id-data tan-notifika bħala d-data meta jiskatta t-terminu ta' xahar previst fl-Artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Illi huwa ċar illi kemm fil-kawża mressqa minn Sea Air kif ukoll fil-kontrotalba ta' Maleth, qed jintalbu danni li għadhom mhux likwidati. Issa lil Maleth u lill-avukati li jippatroċinawha ma jirriżultalhomx illi l-partijiet f'din il-kawża jew l-avukati tagħhom qatt intalbu jippreżentaw nota konġunta li permezz tagħha jaqblu fuq il-valur tat-talbiet rispettivi;

12. Illi jidher fil-fatt illi kien ir-Reġistratur intimat illi, unilateralment, wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-valur tal-kawża. Minn dokumenti ottjenuti mill-proċess tal-kawża 655/16 (**Dok MA 4**), fil-fatt, jirriżulta illi s-somma li Maleth intalbet tħallas mir-Reġistratur tirreferi għall-kontrotalba mressqa minn Maleth, u jidher illi nħadmet fuq valur ta' EUR 3,201,454.79 li wasal għalih ir-Reġistratur min jeddu. Dan il-valur jidher illi nħadem billi r-Reġistratur għamel kalkolu ta' 1568 block hours immultiplikat bir-rata ta' USD 2,400 kull *block hour* u żied 88 block hour immultiplikati bil-valur ta' USD 2,200

13. Abbażi tal-valur totali, mbagħad, ir-Reġistratur għadda biex ikkalkula l-ispejjeż tal-kawża, b'dan illi wasal għas-somma konsiderevoli mitluba;

14. Jidher illi l-istess tip ta' "kalkoli unilaterali" ġew użati biex jingħata valur lit-talba tal-atturi, u anke f'dan il-każ, ir-Reġistratur ma kellux f'idejh dikjarazzjoni tal-partijiet bi qbil dwar il-valur.

15. Għandu jingħad illi ai termini tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament Skeda A, Tariffa A:

> 4 (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3 (*ċjoe d-dritt tar-reġistru ma jkunx jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġijew mill-att innifsu*) , il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-
> regoli li ġejjin:
>
> (f) F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi ntaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur...

16. Fejn jidħlu mbagħad it-tariffi dovuti lill-Avukat li jippatroċina l-parti, jingħad taħt it-tariffa E, Artiklu 14 illi:

> 14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill- proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

17. Illi dan jimplika illi huwa l-attur illi jeħtieġ jiddikjara l-valur tat-talba tiegħu, sakemm ma jkunx ġie determinat mill-Qorti u mhux ir-Reġistratur illi *sua sponte* jagħmel il-kalkoli ta' dak li jidhirlu illi huma d-danni pretiżi. Tant hu hekk, illi hija l-prassi illi f'każ fejn jintalbu danni *da liquidarsi* u l-Qorti tibqa' ma tillikwidax tali danni, ir-Reġistratur jitlob lill-partijiet jippreżentaw nota konġunta fejn jaqblu fuq il-valur tal-kawża u fin-nuqqas tiġi ntaxxata fuq il-minimu;

18. Illi in vista tas-suespost, u ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'izjed dettall aktar 'l isfel, Maleth tikkontendi li t-taxxa tad-drittijiet u spejjez emessa mir-Registratur tal-Qorti nhadmet u nharget b'mod skorrett kemm għaliex ma ġietx segwita l-proċedura stabbilita fil-liġi u kkonfermata fil-prassi solita tar-Reġistratur, kif ukoll għaliex il-kalkolu huwa, fi kwalunkwe' każ, żbaljat;

19. Illi ghalhekk l-esponenti tixtieq jattakkaw din it-taxxa bhala wahda irregolari;

**RAĠUNIJIET GĦAT-TALBA**

20. Illi l-gravami ta' Maleth f'din il-proċedura ta' ritassa huma essenzjalment tlieta:

(i) Fl-assenza ta' sentenza tal-Qorti li tillikwida d-danni jew nota li biha Maleth u Sea Air jaqblu fuq il-valur tal-pretensjonijiet reċiproċi tagħhom, ir-Reġistratur ma kellux jgħaddi biex unilateralment jikkalkula l-valur tad-danni *da liquidarsi*. Dan, *multo magis* meta l-valur mhuwiex faċilment determinabbli mill-proċess;
(ii) Il-kalkolu huwa, fi kwalunkwe' każ, żbaljat u eżaġerat;
(iii)Ma tqiesx il-fatt illi l-kawża ġiet kanċellata;

*Gravam 1: proċedura għall-kalkolu tal-valur*

21. Kif ġa aċċennat, skont it-Tariffa A tal-iSkeda A ir-Reġistratur tal-Qorti jista' jgħaddi biex jikkalkula t-taxxa abbażi ta' valur meta dan huwa espressament dikjarat, jew huwa determinabbli skont il-liġi jew «mill-att innifsu».

22. Diċitura simili tintuża fil-kuntest tat-Tariffa E (taxxa dovuta lill-avukat u p.l.), fejn jissemma' valur «determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess»;

23. Kemm hu hekk, huwa fatt magħruf illi meta kawża hija għal ammont *da liquidarsi* u, għal xi raġuni, il-Qorti ma tillikwidax l-istess danni, ir-Reġistratur fl-istramaġġoranza tal-każijiet javża lill-avukati tal-partijiet sabiex jippreżentaw nota konġunta illi biha jaqblu fuq il-valur tal-kawża;

24. Għal xi raġuni misterjuża, f'dan il-każ ma ġarax hekk, iżda r-Reġistratur ħa l-briga illi, f'kawża għal danni *da liquidarsi* u fl-assenza ta' sentenza tal-Qorti, jagħmel kalkolu hu ta' x'dehrlu li huwa l-valur tat-talba;

25. Kemm dan huwa każ anomalu jkomplu jidher mill-fatt illi hawn si trattava minn kawża li kienet ġiet kanċellata qabel ma bdew jinstemgħu provi dwar il-mertu. Għalhekk ma tgħidx illi l-proċess kien fih, ngħidu aħna, xi affidavit bi prospett ta' danni;

26. Illi biex jingħata l-benefiċċju tad-dubbju, forsi r-Reġistratur ġenwinement ħaseb illi d-danni li kienu qed jintalbu kienu faċilment

determinabbli, iżda dan ċertament mhux il-każ. Hekk, ngħidu aħna, huwa minnu illi Maleth kienet qed titlob ħlas ta' danni sofferti f'nuqqas ta' tħaddim ta' *block hours*. Madanakollu, fil-kalkolu ta' danni dovuti f'kuntest bħal dan, wieħed ma jistax sempliċiment jagħmel kalkolu ta' multiplikazzjoni. Dan għaliex, biex wieħed jasal għal danni realment sofferti fin-nuqqas ta' adempiment ta' kuntratt, iridu jitqiesu diversi fatturi, fosthom spejjeż illi Maleth kienet tinkorri li kieku tkompla l-kuntratt, u li kienu jnaqqsu mill-profitti tagħha; Bħala eżempju li niltaqgħu miegħu aktar regolari fil-Qorti – f'każ ta' kuntrattur illi jfittex għal danni għal terminazzjoni bikrija ta' appalt, wieħed m'għandux iqis il-prezz tal-kuntratt iżda pjuttost il-profitt li tali kuntrattur kien sejjer realistikament jirċievi, liema profitt ġeneralment ikun konsiderevolment anqas mill-prezz;

27. M'hemmx għalfejn jingħad illi ladarba f'dan il-każ il-Qorti ma kinitx għadha semgħet provi fil-mertu, huwa inkoċepibbli li jingħad illi l-valur tal-pretensjonijiet ta' Maleth kienu «faċilment determinabbli mill-proċess». Għall-kuntrarju, kien biss li kieku nstemgħet il-kawża fil-mertu illi l-Qorti kienet tisma' x-xhieda u sottomissjonijiet dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi;

28. Fid-dawl ta' dan, il-proċedura adoperata mir-Reġistratur, u n-nuqqas tiegħu illi almenu javviċina lill-partijiet u jitlobhom nota konġunta kif ġeneralment iseħħ, hija ferm irregolari u ta' preġudizzju għall-partijiet. Anke biss għal din ir-raġuni, it-taxxa jistħoqqilha li tiġi mħassra;

*Gravam 2: Kalkolu żbaljat fil-mertu*

29. Illi fis-sottomissjonijiet dwar l-ewwel gravam, ġa sar aċċenn għall-fatt illi l-kalkolu tad-danni li għamel ir-Reġistratur huwa wieħed simplistiku għall-aħħar illi jonqos illi jqis numru ta' fatturi li għandhom impatt dirett fuq il-*quantum* tad-danni pretiżi. Ir-Reġistratur ma setax sempliċiment jaqbad *calculator* u jagħmel multiplikazzjoni;

30. Diġa' ġie sottomess illi, għal din ir-raġuni, ir-Reġistratur kien proċeduralment żbaljat għaliex kellu qabel xejn jistieden lill-partijiet biex jagħmlu dikjarazzjoni konġunta;

31. F'kull każ, pero, anke li kieku kellu jitqies illi huwa fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur illi jipprova jasal għall-valur tal-kawża huwa stess, jibqa' l-fatt illi l-kalkolu sar b'mod żbaljat u wassal għal valur illi huwa eżaġerat;

*Gravam 3: It-taxxa għandha f'kull każ titnaqqas stante illi l-kawża ġiet kanċellata*

32. Illi mill-kalkolu li ottjeniet Maleth, ma jidhirx illi r-Reġistratur naqqas id-drittijiet dovuti sabiex jirrifletti l-fatt illi l-kawża ma ġietx deċiża iżda **<u>kanċellata</u>** fi stadju bikri;

33. Illi kemm it-Tariffa A u kemm it-Tariffa E, jikkomtemplaw riduzzjoni fid-drittijiet f'każ ta' tranżazzjoni jew ċessjoni;

34. It-tariffa E, tistabilixxi wkoll tnaqqas fid-dritt dovut lill-avukati rispettivi tal-partijiet *«meta kawża ma titkompliex quddiem Qorti tal-Ewwel Grad jew tal-Appell»* (ara artiklu 28).

35. Huwa minnu illi t-Tariffi msemmija ma jirreferux għal «kanċellament» *per se.* Madanakollu, huwa ċar illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi jekk Qorti ma tagħtix sentenza, id-drittijiet kemm tar-Reġistru kif ukoll tal-avukati għandhom jitnaqqsu b'terz jew bin-nofs skont il-każ.

36. Del resto, ikun inkonsistenti u nġust illi l-partijiet jeħlu l-ispejjeż sħaħ ta' kawża meta l-kawża ntemmet fi stadju bikri mingħajr sentenza tal-Qorti; Huwa utli li jingħad illi l-Qrati nostrani irrikonoxxew illi anke f'kuntest ta' ntaxxar ta' kawżi, l-liġijiet u r-regolamenti għandhom jiġu applikati b'sens ta' ġustizzja u b'mod li jagħmlu sens (*ara f'dan ir-rigward is-sentenzi St George's Park Company Limited v Dr Hugh Peralta et deċiżi finalment fis-6 ta' Frar, 2016)*;

37. Fid-dawl ta' dan, huwa sottomess illi, mingħajr preġudizzju għall-gravami preċedenti, ir-Reġistratur kellu jintaxxa persentaġġ tad-dritt u mhux id-dritt sħiħ;

Talbet lill-Qorti:

i. thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet annessa bħala **Dok MA 1** li giet maħduma mir-Reġistratur tal- Qorti nhar it-23 ta' Frar, 2018;
ii. tordna li t-taxxa tad-drittijiet surriferita terga' tinhadem mill-gdid abbażi ta' kalkolu jew somma verjuri kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;
iii. tagħti dawk l-ordnijiet jew provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati

Rat ir-**risposta tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali** ippreżentata fl-20 ta' Novembru, 2018 u jingħad kif ġej:

1. Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap. 12 maghmula mis-socjeta rikorrenti li biha qed tattakka t-taxxa mahruga wara l-kawza numru 655/16LM u l-eccipjenti jissottometti illi t-talbiet attrici odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* minhabba s-segwenti ragunijiet:

2. Illi fil-paragrafi 4 u 5 tar-Rikors promotur is-socjeta rikorrenti taghti stampa cara tat-talbiet attrici fil-kawza Nru 655/16LM "SeaAir d.o.o. vs Maleth Aero AOC Limited" liema kawza kienet giet kancellata fis-6 ta' Marzu 2017, cjoe li "Sea Air irreferiet ghal episodju fejn, allegatament, kienu thassru mhux inqas minn 420 titjira", u kompliet biex semmiet "li dan wassal ghal danni" u ppretendiet kumpens ghal danni hekk sofferti.

3. Illi fil-paragrafu 6 tal-istess rikors is-socjeta rikorrenti tirreferi ghal kontro talba tas-socjeta Maleth Aero et illi fiha talbu il-likwidazzjoni ta' danni in vista tan-non osservanza tal-obbligi kuntrattwali minn naha ta' Sea Air.

4. Illi r-Registratur hadem it-taxxa skont il-ligi u bbaza l-istess taxxa minn valuri li jistghu jigu kkalkulati minn dak indikat fit-talba, u fil-kontro-talba. Illi ghalhekk huwa car li ma kienx hemm bzonn li tintalab nota kongunta sabiex il-partijiet jaqblu fuq il-valur tat-talbiet rispettivi (kif indikat fil-para 11 tar-Rikors) peress li kif gja inghad il-valur jirrizulta mill-atti u dan kif ser jigi spjegat aktar l-isfel;

5. Illi hija l-mansjoni tar-Registratur li jasal ghall-ammonti fuq xhiex jintaxxa u ghalhekk huwa gust li jinghad (para. 12 tar-rikors promotur) li kienet decizjoni unilaterali tar-registratur ghaliex hadd hlief din l-Onorabbli Qorti ma tista' tissindika l-ghemil unilaterali tieghu;

6. Illi fil-para. 15 tar-rikors taghha s-socjeta rikorrenti ssemmi l-para 4 tat-Tariffa A annessa mal-Kap 12 u dak il-Para 4 jidhol in azzjoni kemm-il darba l-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu, u ma jistghux jigu intaxxati d-drittijiet **skont il-paragrafu 3**. Illi l-paragrafu 3 jaghmilha cara li "meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq **valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu**, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:" u jelenka r-rati tat-taxxa.

7. Illi hekk ghamel ir-registratur billi ha l-valur mill-att innifsu u bbaza t-taxxa skont il-paragrafu 3 tat-Tariffa A annessa mal-Kap.12. Hemm skorta ta' gurisprudenza li jsostnu dan li wara kollox huwa dak li tghid il-Ligi. Tajjeb hawn japplika dak li qalet is-sentenza **Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et** (Prim' Awla 21 ta' Lulju 1946) "illi meta mill-kumpless tal-kontestazzjoni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-

tassazzjoni ssir fuq dak il-valur avvolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata".

8. L-istess jghid il-paragrafu 14 tat-Tariffa E annessa mal-Kap 12 fejn jidhol dritt tal-avukati u l-prokuraturi legali.

9. Illi n-nota msemmija mis-socjeta rikorrenti tintalab biss jekk min imkien ma jirrizulta valur; allura r-registratur jitlob minghand il-partijiet li jipprezentaw nota konguntiva bil-valur. Ma hemm ebda misteru ghaliex ma ntalbitx in-nota. Huwa d-deputat registratur li jara l-process u johrog it-taxxa u meta ma jkunx jista' jasal ghal valur, hija l-prassi li d-deputat registratur jikkomunika mal-assistenti registraturi biex jikkonfermaw jew le jekk tistax tinhadem it-taxxa u fil-kaz li ma tkunx tista' tinhadem it-taxxa tintalab in-nota kongunta. Kieku kien mod iehor, allura, qajla jinhargu taxxi ghaliex huwa rarissimu li l-partiiet jaqblu fuq il-valur tad-danni.

10. Illi di piu s-socjeta rikorrenti tghid illi l-valur mhuwiex facilment determinabbli mill-process. Dan ifisser li huwa determinabbli mill-process.

11. Illi t-taxxa giet mahduma fuq dak riferit fit-talba. Minn naha l-ohra fil-kontro-talba s-socjeta Maleth Aero tablet il-hlas tal-ispejjez u danni rizultanti mill-inadempjenza u ksur tal-obbligi kuntrattwali kif ser jigi spjegat hawn taht.

12. Illi jekk wiehed jara d-dokumenti SA7, SA8 u SA9 esebiti fil-process 655/2017 (foll. 62, 63 u 64) jidher car li d-danni reklamati mis-socjeta Maleth Aero AOC Ltd jammontaw ghal USD 1,893,000 (ekwivalenti ghal €1,531,630) u li kien fuq dan li nhaddmet it-taxxa tat-talbiet.

13. Illi oltra dan il-kontro-talba kienet ghal-likwidazzjoni u kundanna ghal hlas lis-socjeta Maleth tal-Base Rental fir-rigward ta' dak in-numru ta' block hours li s-socjeta Sea Air d.o.o. u Sea Air GmbH naqsu li jutilizzaw bi ksur ta' l-obbligi minnhom assunti u kalkolati bir-rata pattwita bejn il-pattijiet. Fuq dan giet mahduma t-taxxa tal-kontro-talba li meta wiehed jahdem il-matematika ta' dak li hemm iskritt fil-paragrafu 3 tal-kontro-talba iwassal ghall-ammont ta' USD 3,956,800 ekwivalenti ghal €3,201,454.

14. Illi rigward il-fatt li l-kawza giet kancellata u ghalhekk it-taxxa kellha tigi mnaqqsa, hemm gurisprudenza li tghid li d-digriet li jordna l-kancellament jekwivali ghal sentenza. "…. Il-kancellament huwa decizjoni tal-Qorti li mhux biss tponi fini ghall-kawza, imma tiddecidi wkoll il-kap tal-ispejjez; u ghalhekk ma tistax ma titqiesx bhala sentenza" (**Avv. Dr Arturo Valenzia vs Avv Dr Luigi Pace noe**, 15 ta' April 1950, Qorti tal-Appell Inferjuri). Illi t-tariffa hija preciza wkoll u tapplika r-riduzzjoni tat-tariffa

f'kaz li kawza tigi tranzatta jew ceduta. L-istess fuq imsemmija sentenza sostniet ukoll illi "il-kancellament ma ghandux x'jaqsam la ma' cessjoni tal-kawza u lanqas ma rinunzja ghal-attijiet. U tabilhaqq il-kancellament jigi ordnat mil-Qorti *motu proprio* minhabba l-inattività tal-partijiet, filwaqt li c-cessjoni u r-rinunzja huma atti tal-attur". Hekk hu l-kaz odjern u ghalhekk it-taxxa nhadmet fuq il-valur stabbilit fl-atti minghajr ebda tnaqqis.

15. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

16. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-**risposta tal-Avukat Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-avukati Ganado Advocates u tal-Proluratur Legali Madeleine Firman** ippreżentata fis-17 ta' Lulju, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi, preliminarjament, l-Avukat Antoine Cremona, il-Prokuratur Legali Madeleine Firman u d-ditta GANADO Advocates mhux il-legittimu kuntradittur ghal dawn il-proceduri *stante* li rrinunzjaw ghall-patrocinju tas-socjeta` *Sea Air d.o.o u Sea Air GmbH* fit-3 ta' Frar, 2017 u kif altrimenti gie rikonoxxut bla ebda oggezzjoni mir-rikorrenti. In oltre, l-istess Avukat Antoine Cremona ma baqax il-mandatarju specjali tas-socjetajiet *Sea Air d.o.o* u *Sea Air GmbH* u dan wara li rapprezentant tas-socjetajiet in kwistjoni, is-Sur Simon Spitz, gie Malta u assuma l-atti tal-proceduri odjerni quddiem id-Deputat Registratur tal-Qrati Civili u dan fl-14 ta' Novembru 2016. Din l-assunzjoni tal-atti ma giet bl-ebda mod kontestata mir-rikorrenti fil-proceduri numru 655/16LM u dan kif inhu evidenti mill-verbali tal-istess;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jaqblu mar-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti sabiex tintlaqa' r-ritassa;

Ghaldaqstant, salv l-eccezzjonijiet preliminary li l-esponenti mhumiex il-legittimu kuntradittur ghal dawn il-proceduri specjalment rigward spejjez, l-esponenti ma jopponux ghat-talbiet imressqin mir-rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fuq talba tal-legali tal-konvenut Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti 655/2016LM;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi ippreżentata fl-14 ta' Frar 2022[1], in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti esteri ippreżentata mill-kuratur deputat Dr. Joseph Brincat fil-15 ta' Marzu 2022[2], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Dr Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-avukati Ganado Advocates u PL Madeline Firman ippreżentata fit-23 ta' Marzu 2022[3];

Rat illi r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet[4];

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza u b'digriet tas-27 ta' Ġunju 2022 il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li mill-atti ma kienx jirriżulta n-notifika tar-rikors promotur lill-kuraturi deputati.

Rat in-nota tal-kuratur deputat l-Avukat Dr Joseph Brincat tat-30 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha informa lill-Qorti illi huwa kien gia ħa konjizzjoni tar-rikors promotur, li kien qed jagħti ruħu b'notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegħ, li ma kienx hemm ħtieġa għalhekk li jiġi notifikat bir-rikors promotur, u li ma kellux xi jżid mas-sottomissjonijiet minnu ġia magħmula.

Rat li l-kawża tħalliet mill-ġdid għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

Xehed **Emanuel Sciriha**, fejn spjega kif waslu għar-rati tat-taxxi. Huwa jispjega li d-Deputat Reġistratur li kienet qiegħda taħdem it-taxxa ltaqat ma' xi diffikultajiet u kien għalhekk li kkomunikat mal-Assistent Reġistratur li sussegwentment irreferew id-diffikulta lilu.

Jgħid li t-taxxa nħadmet *ad valorem.* Jispjega li l-informazzjoni sabiex inħarġet it-taxxa tas-soċjeta attriċi ħaduha mill-premessi tal-kontro-talba kif ukoll mit-tieni talba tal-istess kontro-talba. Jispjega li fil-verita t-taxxa kellha tinħadem fuq ammont aktar għoli u dan stante li oltre l-ammont mitlub intalab

[1] Paġna 112 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 137 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 139 et seq tal-proċess.
[4] Paġna 142 et seq tal-proċess.

ukoll id-danni iżda dawk ma ġewx likwidati u lanqas ma qagħdu jaraw x'inhuma.

Ix-xhud xhed li ma kienx hemm bżonn jikkuntatjaw lill-partijiet jew lil legali tagħhom sabiex jaslu għall-valur. Jikkonferma li l-kawża bin-numru 655/16 LM ġiet ikkanċellata u ma kienu nġabru l-ebda provi. Meta ġie mistoqsi b'mod ġenerali jekk ikunx hemm xi riduzzjoni fid-dritt tar-reġistru u/jew tad-dritt tal-avukat meta l-kawża tiġi kanċellata, ix-xhud spjega li qabel kienu jirriduċu l-imsemmija drittijiet, iżda wara li ingħatat sentenza mill-Qorti li kawża kanċellata hija daqs kawża deċiża, ma baqgħux inaqqsu t-taxxa.

Ikkunsidrat;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

Din hija azzjoni għal ritassa ai termini tal-**Artikolu 64 tal-Kapitolu 12** u dan sabiex tiġi attakatta taxxa maħruġa wara l-kawża Rik Ġur 655/2016 fl-ismijiet **Sea Air d.o.o et vs. Maleth Aero AOC Ltd et** ikkanċellata fis-6 ta' Marzu 2017.

Din l-azzjoni li tagħha qiegħda tiġi attakkata t-taxxa rat il-bidu tagħha fl-4 t'Awwissu 2016, fejn il-kumpaniji esteri Sea Air d.o.o flimkien ma' Sea Air Gmbh rappreżentati mill-mandatarju speċjali Dr. Antoine Cremona (u b'nota tal-14 ta' Novembru 2016 ir-rappreżentanza għaddiet għand Simon Spitz flok Dr. Antoine Cremona)[5] talbu fost oħrajn - għar-raġunijiet mogħtija f'dik l-azzjoni - dikjarazzjoni li s-soċjeta Maleth Aero AOC Ltd (aktar 'l isfel imsejħa Maleth) kisret l-obbligi kuntrattwali u ċioe *Aircraft Charter Agreement* tal-10 ta' Ġunju 2016 pattwit bejn is-soċjetajiet partijiet kif ukoll saret talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Għal dik l-azzjoni s-soċjeta Maleth u Michael O'Brien resqu għadd ta' eċċezzjonijiet proċedurali u fil-mertu. Ressqu wkoll kontro-talba fejn ippremettew li kienet is-soċjeta Sea Air d.o.o illi kisret l-obbligi kuntrattwali assunti fil-kuntratt surreferit kif ukoll kuntratti oħra anċillari.

B'digriet tat-23 ta' Novembru 2016 fl-atti tar-Rik Ġur 652/2016LM, il-Qorti rrikjamat quddiemha l-kawża Rik Ġur 655/2016 (li t-taxxa tagħha hija l-mertu tal-kawża odjerna).

[5] Paġna 94 tal-proċess allegat.

Waqt seduta miżmuma fis-16 ta' Diċembru 2016, l-avukati tal-partijiet qablu li l-provi li ser jiġu ppreżentanti fil-kawża bin-numru 655/2016 għandhom jgħoddu wkoll għal kawża numru 652/2016.

Ġara iżda li l-kawża 655/2016LM ġiet ikkanċellata fis-6 ta' Marzu 2017 ai termini tal-Artikolu 199 tal-Kapitolu 12. Il-Qorti tinnota li sa dak l-istadju kienu għadhom qegħdin jiġu trattati eċċezzjonijiet preliminari fejn la kienu tressqu provi, la dokumenti jew xhieda dwar il-mertu tal-każ apparti dawk ġia ppreżentanti mal-atti tal-bidu.

Fit-23 ta' Frar 2018, ir-Reġistratur ħadem it-taxxa tal-ispejjeż. Din ġiet sussegwentament notifikata fosthom lis-soċjeta' Maleth li kienet konvenuta rikonvenzjonanti fil-kawża.

Sussegwentement ir-Reġistratur ippreżenta ittra uffiċjali kontra Maleth fejn intalbet tħallas l-ammont ta' €29,669 skond it-taxxa rappreżenatant spejjeż dovuti lir-Reġistratur..

Is-soċjeta Maleth tikkontendi li huwa minnu li saru talbiet rikonvenzjonali minnha għal-likwidazzjoni ta' danni iżda tikkontendi li fl-istadju li kienet fiha l-kawża, id-danni ma kinux ġew likwidati u l-avukati tal-partijiet qatt ma ntlabu jippreżentaw nota konġunta fuq il-valur tat-talbiet rispettivi. Skont is-soċjeta attriċi, kien ir-Reġistratur li unilateralment wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-valur tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-kontro-talba. Maleth għamlet referenza għal Skeda A, Tariffa A kif ukoll Tariffa E, Artikolu 13 tal-Kapitolu 12.

Ir-Reġistratur konvenut jikkontesta l-allegazzjoni ta' Maleth li huwa kkalkula t-taxxa b'mod skorrett, tant li jgħid li huwa seta jasal għad-danni riklamati mill-partijiet minn dak li huma stess kitbu fit-talba u kontro-talba.

Jgħid li huwa għandu s-setgħa li jiddetermina d-danni b'mod unilateralli skont para 3 tat-Tariffa A. Huwa biss meta l-atti ma jiddeterminawx valur u ma jkunx possibbli li l-valur jiġi determinat mil-atti li r-Reġistratur jitlob mingħand il-partijiet nota konġuntiva bil-valur.

Fil-każ odjern ir-Reġistratur għamel referenza għad-dokumenti li ġew ppreżentati mis-soċjeta Sea Air d.o.o li juru li d-danni reklamati kienu għal $1,893,000 (ekwivalenti għal (€1,531,630) u kien fuq dik is-somma li nħadmet it-taxxa relativa għat-talbiet attriċi.

Min-naħa l-oħra s-soċjeta Maleth qua konvenut rikonvenzjonant talbiet id-danni mingħand l-attriċi rikonvenzjonata għall-ħlas ta' danni fis-somma ta'

$3,956,800 (ekwivalenti għal €3,201,454) liema somma ir-Reġistratur wasal għaliha minn dak skritt fil-paragrafu 3 tal-kontro-talba[6].

Min-naħa tiegħu Dr. Antoine Cremona u d-ditta tal-Avukati Ganado Advocates u l-PL Madeline Firman jeċepixxu li m'humiex il-leġittimi kontraditturi stante li kienu rrinunzjaw għallpatroċinju tas-soċjeta Sea Air d.o.o u Sea Air GmbH fit-3 ta' Frar 2017 u kif ukoll li Dr. Antoine Cremona ma baqax il-mandatarju speċjali tal-imsemmija soċjetajiet.

Ikkunsidrat;

***Il-metodu ta' kalkolu użat mir-Reġistratur sabiex wasal għat-taxxa***

Il-kontestazzjoni tas-soċjeta Maleth Aero AOC Ltd hija l-metodu użat mir-Reġistratur sabiex sar l-intaxxar tad-dritt Reġistru għall-kontro-talba fejn illikwida l-ammont fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u sittin Ewro (€29,669).

Is-soċjeta Maleth tippremetti li huwa minnu li bħala konvenuta rikonvenzjonanti kienet għamlet talba għal-likwidazzjoni ta' danni kontra l-attriċi f'dik il-kawża, iżda skontha l-likwidazzjoni tad-danni kif maħduma mir-Reġistratur ma saritx tajba stante li ma setax joqgħod fuq sempliċi ammonti msemmija fil-kontro-talba iżda kellu jieħu kont ta' fatturi oħra.

Maleth tinsisti li ġaladarba l-ammont tad-danni ma kienx jinsab speċifikament imsemmi fil-kontro-talba, ir-Reġistratur kellu jikkomunika mal-partijiet sabiex jipproponu huma s-somma ta' danni li fuqha kellha tinħadem id-dritt Reġistru.

Min-naħa tiegħu r-Reġistratur jinsisti li l-intaxxar sar in linea ma' dak li jipprovdi l-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

[6] "Illi ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta Sea Air d.o.o kienet obbligata li fil-perjodu ta' bejn l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u t-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) tutilizza xejn inqas minn elf hames mija u tmeinja u sittin (1568) *block hour* fuq l-istess ingenju tal-arju u xejn inqas minn tmienja u tmenin (88) *block hour* bejn (20) ta' Luljau tas-sena elefjn u sittax (2016) u l-hames (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016)" – paġna 78 tal-proċess allegat. Skont l-ewwel premessa tal-kontro-talba kull *block hour* bejn 20 ta' Ġunju 2016 u l-31 t'Ottubru 2016 kienet ta' €2,400 filwaqt li bir-rata ta' $2,200 għal perjodu rimanenti.

*M'humiex il-leġittimi kontradittur*i

Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-avukati Ganado Advocates u PL Madeline Firman jeċċpixxu li m'humiex il-leġittimi kontradittur*i*. Sabiex tiġi determinata din l-eċċezzjoni jeħtieġ li l-ewwel jiġi mistħarreġ jekk l-imsemmija kinux involuti b'xi mod fil-kawża **Sea Air d.o.o et vs. Maleth Aero AOC Ltd et** (Rik Ġur 655/2016) u jekk kienu involuti, x'kien l-irwol tagħhom. Huwa ċar mill-atti tal-kawża allegati mal-proċess odjern li Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju, Ganado Advocates u PL Madeline Firman kienu involut fl-imsemmija kawża. Filwaqt li Dr. Antoine Cremona kien il-mandatarju speċjali tas-soċjetajiet Sea Air d.o.o u Sea Air Gmbh kif ukoll l-legali tal-imsemmija soċjetajiet, Ganado Advocates u PL Madeline Firman kienu l-legali responsabbli tal-istess. Kien biss b'nota tal-14 ta' Novembru 2016 li r-rappreżentanza speċjali għaddiet għand Simon Spitz u ma baqatx għand Dr. Antoine Cremona. In oltre kien b'nota tat-3 ta' Frar 2017 li permezz tagħha Dr. Antoine Cremona u l-legali kollha, inkluż l-PL Madeline Firman li kienu rrinunzjaw għal patroċinju tas-soċjeta Sea Air d.o.o u Sea Air GmbH.

Din il-Qorti tagħraf li Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-avukati Ganado Advocates u PL Madeline Firman ġew notifikati bir-rikors in vista li l-Artikolu 64 (2) tal-Kapitolu 12 speċifikament jipprovdi li r-rikors għal ritassa għandu jiġi notifikat "lil kull min ikollu interess" fl-azzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imsemmija għandhom kull interess fl-eżitu ta' din il-kawża stante li din tista' taffettwa d-dritt legali dovut lilhom. Huwa ben saput li Avukat li ma jibqax jippatroċinja klijent f'kawża għandu dritt għal-ħlas tiegħu. Din l-osservazzjoni ssir b'mod partikolari fid-dawl tal-**paragrafu numru 33 tat-Tariffa E ta' Skeda A** li jaqra hekk:

> "Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent:
> (i) wara li r-rikors jew ir-risposta tkun ġiet preżentata, ikollu jedd għal terz tad-dritt normali;
> (ii) wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża għas-sentenza, jkun intitolat għal żewġ terzi tad-dritt normali."

Għaldaqstant in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-avukati Ganado Advocates u PL Madeline Firman għandhom interess ai termini tal-Artikolu 64 (2) tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

Bħala punt ta' tluq dwar il-mertu il-Qorti hi tal-fehma illi ġaladarba l-azzjoni li tagħha t-taxxa hija in kontestazzjoni hija ibbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus, jista' jitqies li l-azzjoni hija waħda *ad valorem* u japplikaw il-provvedimenti li jirregolaw id-dritt *ad valorem.*

Għaldaqstant fil-prinċipju r-Reġistratur tal-Qorti kien korrett meta intaxxa l-kawża inkliuz id-dritt reġistru abbinatr mal-kontro talba ta' Maleth fuq bażi *ad valorem.*

P**aragrafu 3 tat-Tariffa A tal-Kap. 12 li jirregola d-dritt *ad valorem*** jipprovdi:

> "B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prim Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu [...]"

**Paragrafu 14 ta' Tariffa E:**

> "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit"

X'inhu valur determinat (jew determinabbli) huwa spjegata fl-**Artikolu 748 tal-Kapitolu 12** li jaqra hekk:

> "Il-valur ta' l-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-
> […]

“(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f’xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta’ kulħadd, jew bil-prezz kurrenti”

Flimkien ma’ dan l-artikolu il-Qorti tirreferi wkoll għall-**Artikolu 753** tal-istess kapitolu li jaqra hekk:

“(1) Fil-kawżi li jirrigwardaw l-esekuzzjoni ta’ obbligazzjonijiet li għandhom jitħallsu f’rati, il-valur jiġi determinat mis-somma mitluba għar-rata jew għar-rati magħluqa sal-ġurnata tat-talba.

(2) Meta t-talba hija magħmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jiġi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni.”

Fil-fehma tal-Qorti, mill-kontro-talba tas-soċjeta Maleth ippreżentata fit-2 ta’ Settembru 2016 fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 655/2016, id-dannu li tikkontendi li sofriet l-imsemmija soċjeta huwa faċilment determinabbli. Kif ser joħroġ mill-ġurisprudenza hawn taħt kwotata, meta l-valur huwa determinabbli mill-proċess, ma jistax jingħad li l-valur in kontestazzjoni huwa wieħed indeterminat.

Fit-tielet kontro-talba, s-soċjeta Maleth talbet lil Qorti li quddiema kienet qiegħda tinstema’ l-azzjoni ta’ danni sabiex:

“Tillikwida dik is-somma dovuta mis-socjetajiet Sea Air d.o.o u Sea Air GmbH jew min minnhom lis-socjeta’ Maleth Aero AOC Limited u rapprezentanti il-‘*Base Rental*’ fir-rigward ta’ dak in-numru ta’ *block hours* li s-socjeta’ Sea Air d.o.o. u Sea Air GmbH jew min minnhom naqset li tutilizza bi ksur ta’ l-obbligi minnha assunti u kalkolati bir-rata pattwita bejn il-partijiet”.[7]

Ir-rata bażi ta’ kull siegħa ġiet kjarament indikata fl-ewwel premessa tal-kontro talba:

“Illi permezz ta’ ftehim li jgib id-data tal-ghaxara (10) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u maghtuf bhala *Aircraft Charter Agreement* [...], Sea Air GmbH u/jew Sea Air d.o.o. obbligat ruhha li tutilizza minimu ta’ miju u tmenin (180) *block hour* fix-xahar bir-rata ta’ Dollari Amerikani elfejn u erba’ mija (USD2,400) ghal kull *block hour* ghal perjodu ta’ bejn l-20 ta’ Gunju 2016 u l-31 ta’ Ottubru 2016 u mitt (100) *block hour* fix-xahar bir-

[7] Paġna 79 tal-proċess allegat.

> rata ta' Dollari Amerikani elfejn u [mitejn] (USD 2,200) ghal kull *block hour* ghal perjodu rimanenti li kellu jintemm fit-12 ta' Marzu 2017 [...]". [8]

It-tielet premessa imbagħad indikat preċiżament is-siegħat li Sea Air d.o.o. kienet obbligata li tutilizza:

> "Illi ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta' Sea Air d.o.o kienet obbligata li fil-perjodu ta' bejn l-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u t-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) tutilizza xejn inqas minn elf hames mija u tmienja u sittin (1568) *block hour* fuq l-istess ingenju tal-ajru u xejn inqas minn tmienja u tmenin (88) *block hour* bejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016)".[9]

Il-ġurisprudenza nostrana fuq l-azzjoni ta' ritassa hija waħda kopjuża u konsistenti f'dan ir-rigward .

Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel ġabra tal-każistika dwar is-setgħa li għandu r-Reġistratur tal-Qorti sabiex jistabilixxi l-valur tal-kawża meta l-valur tad-danni mitluba jista' jkun determinat mill-atti u provi mressqa fil-mori tal-kawża.

Partikolarment informattiva hija s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951, fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Axiak vs. Avukat Dr. Giuseppe Vella noe et**, fejn il-Qorti tenniet:

> "Illi, kif kellha okkazjoni tghid din il-Qorti f'kawzi simili t-tassazjoni ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba; liema principju jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cjoe` ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dan jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-***'quod disputatun est'***, li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dan il-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u ***'multo magis'*** l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, independentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux finalment milqugha jew michuda."

Dik is-sentenza ġiet ikkwotata f'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mogħtija fil-25 ta' Jannar 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Leslie**

[8] Paġni 77 – 78 tal-proċess allegat.
[9] Paġna 78 tal-proċess allegat.

**Grech vs. Frank Abela et** (Ċit Nru 1252/85), fejn ukoll ġiet kwotata sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-10 ta' Ottubru 1958 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Barbara vs. Michelina Farrugia**, li fiha ntqal:

> "[...] il-Qorti ezaminat il-Ktieb tat-Tassazzjoni u minn dan jirrizulta li l-ispejjez gew intaxxati fuq is-somma ta' ₤120. Din kienet is-somma li ppretenda l-attur, ara dok. Fol 28. Din it-tassazzjoni hija korretta ghaliex hija konformi ghal prattika inveterata li meta, ghalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata, pero` f'xi skrittura jew xort'ohra fil-proceduri jkun iffissa somma bhala oggett tal-pretensjoni tieghu, allura dik is-somma titqies iddomandata u t-tassazzjoni – li kieku diversament kienet issir fuq l-ottenut – issir fuq dik is-somma."

Hemm issir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 1935 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Tonna vs. Edgardo Staines noe et** (Vol. XXIX.ii.357) fejn il-Qorti qalet:

> "…fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta' somma ta' flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat bid-domanda (Musu` vs Notaro Micallef noe: Collezione, Volum XVII, Parti ii, pagna 123);
>
> [...]
>
> Illi, fl-opinjoni ta' dina l-Qorti, il-kelma 'domanda', biex jigi rispettat dana l-principju infurmatur tat-tassazzjoni, ghandha tigi f'kaz simili intiza mhux biss ghac-citazzjoni, vera u proprja, imma anki ghall-kontenut ta' skrittura prezentata fil-korp tal-proceduri, li biha l-attur jiddetermina d-domanda;
>
> [...]
>
> Illi konsegwentement il-pritiza ta' l-attur giet determinata bid-domanda, intiza dina l-kelma fis-sens fuq espost, u ghaldaqstant anki skond il-gurisprudenza fuq citata, it-tassazzjoni ghandha ssir, kif saret, fuq l-ammont mitlub, u mhux fuq l-ottenut."

Dan l-insenjament ġie addotat fis-sentenza **Kummissarju tal-Pulizija et vs. Registratur tal-Qorti et** (Ċit Nru 406/2006) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Jannar 2008:

> "F'dan il-kuntest, ta' min ighid li huwa stabbilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija mharsa mill-principju li wiehed ihares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla

bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali principju mhux wiehed inflessibbli ghaliex huwa kwalifikat bil-principju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawza jissejjah "***il complesso del tema contenzioso***" minn fejn wiehed jista' jsib xi jkunu tassew il-valur tal-kontestazzjoni. (Ara **Micallef vs Micallef** deciza fl-24 ta' Lulju 1946 (Kollezz. Vol. XXXII.ii.424).

Illi jidher li l-prattika li ilha ghal zmien twil, fir-rigward tat-tassazzjoni "***ad valorem***" hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghal passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta` jew jeddijiet marbuta ma' dan. (Ara **Borg Grech vs Buhagiar noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1967, u **H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-12 ta' Gunju 2003). Kif inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Manche` vs Gauci Maistre** deciza fl-20 ta' Marzu 1989, il-valur in kontestazzjoni ghandu johrog mill-massa litigjuza; b'hekk ghandu jigi studjat u ezaminat x'inhu l-oggett tat-talba u t-tassazzjoni ssir "***ad valorem***", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni.

[...]

Dwar dan huwa veru li l-valur mhux determinat fic-citazzjoni, pero` l-paragrafu 14 tat-Tariffa E iqis valur indeterminat, meta l-valur ma jkunx determinat fit-talba jew "determinabbli skond il-ligi jew mill-process". Kwindi meta l-valur huwa determinabbli mill-process, ma jistax jinghad li l-valur in kontestazzjoni huwa wiehed indeterminat. Kif intqal fil-kawza diga citata [**Gustavo] Micallef vs. [Eleonora] Micallef et** deciza mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Lulju 1946:

"f'materja ta' tassazzjoni ta' drittijiet gudizzjali, il-principju enuncjat in linja ta' massima, illi it-tassazzjoni ta' dritijiet gudizzjali tigi regolata mid-domanda jew mis-sentenza meta fid-domanda somma mhix determinata, ma hux inflessibli imma ghandu jigi ragjonevolment kwalifikat, kif gie mill-gurisprudenza kwalifikat, bil-principju l-iehor illi meta minn dak li jissejah "*il complesso del tema contenzioso*" ossija "*massa litigiosa*", ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata."

"Fil-kaz in ezami, huwa minnu li l-ebda ammont jew somma ma jintalbu fit-talbiet tac-citazzjoni, izda skond it-tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12, fil-fehma tal-Qorti, dan fisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti.

[...]

Ghalhekk, meta mill-massa litigjuza jirrizulta x'inhi s-somma li l-attur qed jippretendi, it-tassazzjoni ghandha tinhareg a bazi ta' dik is-somma. F'dan il-kaz ukoll, ghalkemm ir-Registratur mexa fuq nota li kienet pprezentata bhala prospett, din in-nota hija bazata fuq dak li johrog mill-process kollu. Ghalhekk, kienet tirrifletti dak li kien qed jigi mitlub fil-kawza."

Sentenza aktar riċenti f'dan ir-rigward u li fiha wkoll ġabra ta' sentenzi oħra (uħud imsemmija ġia hawn fuq u oħrajn le) hija dik fl-ismijiet **Arkitett Raymond Vassallo pro et noe vs. Registratur tal-Qrati Civili et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Jannar 2020[10]:

"lanqas huwa l-każ illi t-taxxa kellha tinħadem abbażi ta-regola 4(2) tat-Tariffa għaliex mhuwiex il-każ li l-valur baqa' inċert jew mhux likwidu u wisq anqas huwa l-każ li l-valur baqa' ma ġiex iddikjarat jew determinat kif irid il-paragrafu 4(3). L-argument tar-rikorrenti fis-sens illi qatt ma ngħataw valuri ċerti ma jfissirx illi l-kawża kellha tiġi ntaxxata fuq punt ta' liġi. Fuq kollox, kienu r-rikorrenti li għażlu li jagħtu valuri approssimattivi u kien allura fuq dawn il-valuri li ried jikkalkola t-taxxa r-Reġistratur intimat. Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'għandhiex valur inċert jew indeterminat in kwantu t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat hi intrinsikament marbuta ma' valur li r-rikorrenti ppretendew fil-kawża.

Issir referenza wkoll għas-sentenza **Arkitett Raymond Vassallo vs Anthony Parlato Trigona** mogħtija mill- Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019: "……..ladarba l.valur tad-danni reklamati mill-appellanti jirrizultaw daqstant cari mir-rikors promotur fil-kawza 842/2009, fil-fehma ta din il-Qorti, ghamel sew id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali li hadem it-taxxa ad valorem peress li l-pretensjoniet tal-appellanti f'dawk il-proceduri jirrizultaw mit-talbiet taghhom fl-istess kawza. Kwindi huma l-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E, li japplikaw ghall-kaz in ezami u mhux il-paragrafu 15, kif jikkontendu l-appellanti."

Kif proprju ntqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ta' **Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef** et, tal-24 ta' Lulju 1946:

"Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens, "in subjecta materia", tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni. L-attur

[10] Ara wkoll **St. George's Park Co Ltd vs. Dr Hugh Peralta et** (App Ċiv 21/2004) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 t'Ottubru 2009.

jista' jiddetermina l-pretensjoni tiegħu anke bi skritturi oħra fil-proċess, u allura l-kuntrast fuq dik il-pretensjoni jsir il-veru "disputatum" li għandu jitqies il-valur tiegħu għall-finijiet tat-tassazzjoni."

Fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit e**t, tal-15 ta' Lulju 2009, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

"It-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens tal-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951". Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Saliba et vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et,** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-15 ta' April 2009, intqal hekk fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 14 tat-Tariffa E:

"Il-fatt li ma tkunx ingħatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. Il-kelma 'dikjarazzjoni' qiegħda tirreferi għat-talba li tkun saret fir-rikors ġuramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba. Il-fatt li skont dan il-paragrafu l-valur jista' jkun determinabbli mill-proċess, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi għaliha l-ġurisprudenza fis-sens "... meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioe għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess." (Carmelo Axiak vs Avukat Dr Giuseppe Vella et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol. XXXV.ii.361). Fil-każ in eżami, fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konjugi Saliba kienu

ddikjaraw, fil-parti ntestata 'Likwidazzjoni tas-Servizi' li l-ammont li kellu jitħallas bħala servizi kien fis-somma ta' €301,928. Hekk per eżempju fil-kawża Lawrence Manche vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et deċiża fl-20 ta' Marzu 1989, il-Qorti kkonfermat li l-valur jista' jiġi stabbilit mill-massa litiġjuża u bbażat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawża."

Finalment, fis-sentenza fl-ismijiet **Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Marzu 2009, ġie ritenut li:

"F'dan is-sens hija relevanti s-sentenza fl-ismijiet "Salvino Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar et" (A.C.– 7 ta' Ottubru 1960) fejn inghad li l-valur tal-kawza tant ghall-finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza, ghaliex hawn qed issir riferenza biss ghal dak li huwa l-interess guridiku, li huwa ben differenti mit-talbiet attwalment imposti. Dan huwa iktar relevanti f'dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Albert Bezzina Wettinger vs Registratur tal-Qorti et" (P.A. (JRM) – 5 ta' Gunju 2003) li kawza tigi intaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, tant li inghad li 'fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza "Carmelo Axiak vs Dr. Giuseppe Vella nomine et" (Vol. XXXV.ii.361)."

Hekk determinati l-provvedimenti applikabbli u elenkati l-ġurisprudenza ċitata hawn b'approvazzjoni u li l-Qorti qed tadotta, ser ngħaddu sabiex napplikaw l-istess għall-fattispecie tal-każ odjern.

Mhux ikkontestat li l-iskop tal-kontro-talba ppreżentata fil-kawza **Sea Air d.o.o et vs. Maleth Aero AOC Ltd et** (Rik Ġur 655/2016) kien proprju l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' somma ta' flus. Għaldaqstant ġaladarba l-azzjoni li tagħha t-taxxa hija in kontestazzjoni hija ibbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus, jista' jitqies li l-azzjoni hija waħda *ad valorem.*

*In oltre* mhux ikkontestat lanqas li ma kien hemm l-ebda talba b'valur speċifiku fit-talbiet.

Huwa pero miżmum mill-ġurisprudenza fuq kwotata li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija regolata mhux biss mid-domanda kif proposta iżda ukoll mill-kontenut ta' kwalunkwe skrittura oħra li tinsab fl-atti li biha l-attur jew konvenut rikonvenzjonant jiddetermina d-domanda rispettiva tiegħu.

Minn dak li ħareġ mill-kontro-talba fuq kwotata jidher ferm ċar li mill-ewwel u t-tielet premessa, is-somma setgħet tinħadem mingħajr ebda diffikulta'. Ġaladarba s-somma kienet faċilment determinabbli proprju mill-kontro-talba, it-tassazzjoni issir fuq l-ammont mitlub nonostante l-fatt li s-soċjeta Maleth ma ottjeniet xejn mill-ammont mitlub in vista li l-kawża ġiet ikkanċellata mil-lista.

Maleth tinsisti illi r-Reġistratur kellu jitlob lill-partijiet nota konġunta dwar il-valur qabel ma għadda sabiex joħroġ it-taxxa u dan għaliex skond Maleth l-ammont minnha reklamat f'dik il-kawża ma kienx raġġunġibbli permezz ta' eżerċizzju matermatiku sempliċi iżda li kienu jidħlu fatturi oħra.

Il-Qorti ma tarax li Maleth għandha raġun fir-rigward.

L-użu ta' nota konġunta mill-partijiet għall-finijiet ta' taxxa hija biss prassi u m'hemm xejn fil-liġi li tobbliga lir-Reġistratur idur fuq il-partijiet sabiex jaqblu fuq il-valur tal-kawża speċjalment meta t-talba hija waħda ċara u l-valur determinabbli mill-atti.

Fil-każ odjern din il-Qorti hija tal-fehma li r-Reġistratur kellu biżżejjed informazzjoni mill-atti tal-kawża sabiex jikkalkula il-valur tat-talbiet attriċi u tat-talbiet rikonvenzjonali u ma kellux għalfejn jitlob nota konġunta tal-partijiet.

Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi illi l-valur tat-talbiet attriċi u tat-talbiet rikonvenzjonali seta' jiġi determinat mir-Reġistratur mill-atti mingħajr il-ħtieġa li jitlob mingħand il-partijiet nota konġunta..

***Kanċellament tal-kawża***

Ilment ieħor ta' Maleth huwa illi fil-komputazzjoni tal-ammont dovut lir-reġistru ma saret l-ebda riduzzjoni sabiex tirrifletti l-fatt illi l-kawża ma ġietx deċiża iżda kanċellata.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Prim Awla (sede Kostituzzjonali) fil-kawża **Maria Rosa Mintoff et vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 3/2003) mogħtija fis-7 ta' Lulju 2004 fejn ġie ritenut li:

> *"[...] il-fatt li l-proceduri precedenti, wkoll ta' natura Kostituzzjonali, gew kancellati min din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001, u ma saritx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo.* ***L-effett ta' kawza kancellata mhux riappuntata huwa***

***l-istess bhal meta kawza titqies dezerta** skond l-Artikolu 965 tal-Kap 12 u, a tenur ta' l-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap. 12, "Bid-dizerzjoni ta' kawza fil-Qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca, izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni". Huwa biss il-gudikat li zzomm it-trattazzjoni ta' kawza determinata f'gudizzju separat, izda d-dezerzzjoni, salv ir-responsabilità ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-ewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu"."*

Meta azzjoni tiġi kanċellata mil-lista il-Qorti bl-ebda mod ma tkun qiegħda tinvesti l-mertu iżda tkun qiegħda sempliċement tiddeżisti milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħha billi tordna li titneħħa minn fuq il-lista tal-kawżi attivi quddiemha.

Kanċellament ma jipprekludix lill-attur jew lill-konvenut rikonvenzjonant mid-dritt li jipproponi mill-ġdid l-azzjoni. Kanċellament ta' azzjoni tista' ssir għal diversi raġunijiet, fosthom nuqqas ta' interess mill-partijiet jew uħud minnhom. Fil-fehma tal-Qorti tenut kont illi il-kanċellament għandu l-effett tad-deserzjoni, m'għandux jitqies għall-finijiet tat-tassazzjoni daqslikieku ingħatat sentenza definittiva u dan għaliex l-effett ta' kanċellament mil-lista ma' għandux l-istess effett ta' sentenza li għaddiet in ġudikat.

Mill-atti tal-kawża odjerna jirriżulta li r-Reġistratur qies li ġaladarba li l-kawża ġiet inkanċellata u in vista tas-sentenza **Avv. Dr Arturo Valenzia vs Avv Dr Luigi Pace noe** mogħtija fil-15 ta' April 1950 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), huwa ma kellu jagħmel l-ebda tnaqqis fit-taxxa referibbli għad-dritt reġistru sabiex jirrifletti li l-kawża ġiet kanċellata u mhux deċiża.

Il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dwar il-punt in dizamina hi illi una volta bil-kanċellament ta' kawża ma hemmx ġudikat għaliex il-mertu tal-kawża kanċellata jibqa' mhux deċiż, mhux mogħti lir-Reġistratur illi jitlob id-dritt sħiħ tar-Reġistru daqslikieku l-kawża ġiet deċiża. Il-Qorti tifhem illi l-interpretazzjoni tat-tariffii tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni uj Proċedura Ċivili li jirregolaw fost l-oħrajn ir-regoli dwar l-intaxxar tal-ispejjeż u drittjiet tal-kawżi għandha ssir b'mod ġust u ekwu meħud ukoll in konsiderazzjoni illi d-dritt reġistru għandu l-għeruq tiegħu fil-ħtieġa li jsir ħlas tas-servizz mogħti.

Tajjeb jiġi sottolineat illi meta l-Qorti ikkanċellat il-kawża in kwistjoni, ddeċidiet biss min għandu jħallas l-ispejjeż ta' dik il-kawża li kienet qed tiġi kanċellata u xejn aktar.

Il-Qorti għalhekk tqis illi kellu jkun hemm tempriment fl-ammont tad-dritt reġistru sabiex tirrifletti dak li effettivament seħħ.

**Paragrafu 28 tat-Tariffa E ta' Skeda A:**

> "Meta kawża ma titkompliex fil-qorti tal-ewwel grad jew ta' grad ta' appell:
>
> (i) wara li r-rikors ikun ġie ppreżentat, jingħata lill-Avukat tal-attur terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem;
>
> (ii) wara li l-eċċezzjonijiet jew ir-risposta jkunu tlestew, jingħata lill-Avukat tal-konvenut terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem."

Din il-Qorti tqis li dan il-paragrafu dwar id-dritt dovut lill-avukati huwa applikabbli fejn kawża tiġi kanċellata in vista li ċessjoni, ammissjoni u tranżazzjoni huma koperti b'paragrafu 29 et seq tal-imsemmija Tariffa u għalhekk ċertament li paragrafu 28 ma jkoprix dawk l-istanzi imma jkopri ċ-ċirkostanzi rimanenti fejn kawża ma titkomplix għal raġunijiet oħra fosthom meta jkun hemm kanċellament mil-lista.

B'analoġija għandu wkoll ikun hemm temperament fid-dritt reġistru meta kawża tiġi kanċellata.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet għalhekk il-Qorti tqis li r-Reġistratu ma kienx korrett meta kalkula d-dritt dovut lir-reġistru daqs li kieku ingħatat sentenza finali u li fid-dawl ta' paragrafu 28 tat-Tariffa E u d-dritt reġistru għandu jiġi ridott għal terz.

Konsegwentement tqis illi għandha parzjalment raġun s-soċjeta attriċi fl-ewwel talba tagħha.

Ikkunsidrat

Fis-sentenza **Speranza Gatt et vs. Avukat Dottor Albert Libreri et** (Rik Nru 512/2010) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2010 ingħad li

> "[...] l-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li

f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan l-insenjament il-Qorti sejra tordna lir-Reġistratur sabiex jerġa jaħdem mill-ġdid it-taxxa u jqis din id-darba li ġaladarba kien hemm kanċellament u mhux sentenza definittiva, għandu jkun hemm riduzzjoni fit-taxxa skond kif fuq deċiż.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi r-rikors billi

1. Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' Dr Antoine Cremona proprio et nomine et.

2. Tilqa' l-ewwel talba, tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet maħduma fit-23 ta' Frar 2018 fl-atti tal-kawża **Sea Air d.o.o et vs. Maleth Aero AOC Ltd et** (Rik Ġur 655/2016); u

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Reġistratur jerġa jaħdem mill-ġdid it-taxxa fit-termini ta' dak hawn fuq deċiż.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet b'riflessjoni tar-rebħ u t-telf rispettiv.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Lulju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**